Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,371, 23 ta' Marzu, 2020

Taqsima B

A.L. 93 tal-2020

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI
(KAP. 601)

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA
(KAP. 545)

Regolamenti tal-2020 dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi minn Stallazzjonijiet (Kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp) ta' Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji u l-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi minn Stallazzjonijiet (Kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp) ta' Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

Tifsir.

Kap. 601.

2. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, it-tifsir li jinsabu fl-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi għandhom japplikaw.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Awtorità Kontraenti" tfisser l-entità li toħroġ u tamministra l-proċess ta' offerti kompetittivi;

"DC" tfisser kurrent dirett;

"distribuzzjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku permezz ta' sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, medju u baxx fil-kuntest tat-twassil tiegħu għand il-konsumaturi imma ma tinkludix il- provvista;

Verżjoni Elettronika

"ċedola ta' prestazzjoni" tfisser iċ-ċedola ta' prestazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn offerent rebbieħ lill-Awtorità Kontraenti skont ir-regolament 10;

"elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu" tfisser elettriku ġġenerat minn impjanti li jużaw biss sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, kif ukoll dak is-sehem ta' enerġija, f'termini ta' valur kalorifiku, iġġenerata minn sorsi li jiġġeddu f'impjanti ibridi li jużaw ukoll sorsi ta' enerġija konvenzjonali. Dan jinkludi elettriku li jiġġedded utilizzat għal mili ta' sistemi ta' ħażna, iżda jeskludi elettriku ġġenerat b'riżultat ta' sistemi ta' ħażna;

"ġenerazzjoni" tfisser il-produzzjoni tal-elettriku;

"ikkummisjonat" tfisser l-ewwel darba li stallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded titħaddem, wara li jiġi stabbilit li din tkun lesta mil-lat operattiv mill-inġinier tal-elettriku li jkollu *warrant* li jiċċertifika l-istallazzjoni;

"kW" tfisser kiloWatt;

"kWh" tfisser kiloWatt siegħa;

"KWp" tfisser il-kapaċità nominali tal-istallazzjoni tal-enerġija li tiġġedded, li fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkun ugwali għall-ogħla enerġija DC totali fil-kundizzjonijiet *standard* tat-test ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx;

"limitu annwali" tfisser il-livell massimu f'kWh għall-ħlas tal-prezz ta' offerta mogħtija għal kull kWh għall-perjodu ta' żmien li jibda fl-1 ta' Jannar u li jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-enerġija;

"offerent rebbieħ" tfisser offerent li l-offerta tiegħu tiġi magħżula wara proċess ta' offerti kompetittivi;

"operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira bħalma hemm fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku; L.S. 545.13.

"perjodu garantit" tfisser il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-proċess ta' offerti kompetittivi rilevanti li matulu l-prezz ta' offerta mogħtija għal kull kWh għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded huwa garantit;

Verżjoni Elettronika

"*premium*" tfisser id-differenza bejn il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh u s-sostitut tal prezz tas-suq għal kull kWh u li tkun pagabbli biss meta l-prezz tal-offerta mogħti għal kull kWh ikun ogħla mis-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh u s-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh ma jkunx wieħed negattiv;

"prezz ta' offerta għal kull kWh" tfisser il-prezz ta' offerta għal kull kWh offrut minn offerent fi proċess ta' offerti kompetittivi;

"prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh" tfisser il-prezz ta' offerta għal kull kWh offrut minn offerent rebbieħ li l-offerta tiegħu tkun intagħżlet wara proċess ta' offerti kompetittivi;

"proċess ta' offerti kompetittivi" tfisser proċess ta' offerti mhux diskriminatorju li jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' intrapriżi u fejn l-għajnuna tingħata fuq il-bażi tal-offerta sottomessa mill-offerent. Barra minn dan, il-volum relatat mal-proċess tal offerti għandha tkun restrizzjoni li torbot li jwassal għal sitwazzjoni fejn mhux l-offerenti kollha jistgħu jirċievu għajnuna;

"provvista" tfisser il-bejgħ jew bejgħ bl-imnut, inkluż il-bejgħ mill-ġdid tal-elettriku lill-klijenti;

"punt komuni ta' konnessjoni mal-grilja" tfisser il-punt fin-*network* ta' distribuzzjoni tal-elettriku fejn l-assi tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u tal-klijent/ġeneratur huma konnessi u li jikkoinċidi mal-post fejn jinsab il-*meter*;

"sigħat ta' *load* sħiħa" tfisser l-għadd ekwivalenti ta' sigħat f'sena li matulhom stallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded tipproduci l-kapaċità nominali jew ta' kWp sħiħa tagħha;

"sistema ta' distribuzzjoni" tfisser il-faċilitajiet tekniċi kollha interkonnessi li jintużaw għat- twassil tal-elettriku għand il-konsumaturi finali;

"*smart meters*" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik li hemm fir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku; L.S. 545.01.

"sorsi ta' enerġija li jiġġeddu" tfisser sorsi ta' enerġija li jiġġeddu li mhumiex fossili, jiġifieri r-riħ, ix-xemx, l-enerġija ġeotermika, il-mewġ, il-marea, l-idroenerġija, il-bijomassa, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogassijiet;

Verżjoni Elettronika

"sostitut tal-prezz tas-suq" tfisser il-medja tal-istima tal-ispiża varjabbli biex tissodisfa d-domanda prevista għal sena partikolari mill-elettriku konvenzjonali ġenerat lokalment u importat, bl-assunzjoni tad-domanda teskludi dik il-parti tad-domanda prevista li mhix mistennija li tkun sodisfatta minn elettriku konvenzjonali ġenerat lokalment u importat;

"stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded" tfisser stallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded ġdida b'kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp u li ngħatat appoġġ finanzjarju wara proċess ta' offerti kompetittivi;

"stallazzjoni eliġibbli ta' enerġija li tiġġedded" tfisser stallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded ġdida b'kapaċità b'kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp li tapplika biex tingħata appoġġ finanzjarju wara proċess ta' offerti kompetittivi;

"stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx" tfisser sistema fotovoltajka tax-xemx li tiġġenera esklussivament l-elettriku mir-radjazzjoni solari u tikkonsisti fl-aċċessorji kollha inklużi:

(a) sensiela jew sensiliet ta' moduli fotovoltajċi li jiġbru u li jassorbu d-dawl tax-xemx għal konverżjoni f'elettriku;

(b) *inverter* jew *inverters*;

(ċ) bilanċ assoċjat ta' komponenti tas-sistema inkluża sistema ta' fili, conduits, tqassim tal-elettriku (*switchgear*), tagħmir għall-protezzjoni, tagħmir anċillari u kull parti oħra mill-istallazzjoni li tkun neċessarja għallproduzzjoni u t-tqassim tal-elettriku sat-tagħmir tal-kejl provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

"stallazzjoni ġdida tal-enerġija li tiġġedded" tfisser stallazzjoni tal-enerġija li tiġġedded li qatt ma ntużat għall-ġenerazzjoni tal-elettriku totalment jew parzjalment u li hija istallata minn offerent rebbieħ wara l-konklużjoni ta' proċess ta' offerti kompetittivi;

"stallazzjoni ta' enerġija mir-riħ" tfisser stallazzjoni li tikkonverti l-enerġija mir-riħ f'elettriku u li għandha tinkludi t-torri li fuqu il-turbina tar-riħ tkun mmuntata, ir-*rotor* u n-*nacelle* fejn jinsab t-tagħmir, inkluż il-ġeneratur, li jikkonverti l-enerġija mekkanika firrotor li jdur f'elettriku u kull tagħmir anċillari ieħor meħtieġ biex titqabbad mal-grilja;

Verżjoni Elettronika

"tagħmir tal-kejl" tfisser il-meters tad-dawl provduti milloperatur tas-sistema ta' distribuzzjoni inklużi smart meters, kull transformer tal-vultaġġ u tal-kurrent u kull tagħmir assoċjat u sistema ta' fili meħtieġa biex titkejjel il-kwantità ta' elettriku provdut jew esportat.

Għan.

3. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jintroduċi l-proċess ta' offerti kompetittiv bħala l-metodu li jistabbilixxi l-prezz fiss għal kull kWh li għandu jitħallas għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mill-istallazzjonijiet approvati tal-enerġija li tiġġedded u għalhekk biex jippromwovi u jappoġġja l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu. Il-metodu u l-ammont ta' appoġġ għall-istallazzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded b'kapaċità ta' kWp inqas mill-400kWp għandhom ikomplu jiġu ddeterminati b'mod amministrattiv.Għall-iskop tal-kalkolu tal-kapaċità ta' stallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded, stallazzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded li jkollhom punt komuni ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku għandhom jitqiesu bħala stallazzjoni waħda.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għall-enerġija li tiġġedded prodotta minn stallazzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded istallati f'Malta, f'Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-Arċipelagu Malti, inklużi l-ibħra territorjali tagħha.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal intrapriżi f'diffikultà kif imfisser fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli ma-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat b'Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, u kif jista' jiġi emendat sussegwentament.

(4) Kull għajnuna għall-investiment li tkun ġiet riċevuta għal istess stallazzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded trid titnaqqas mill-*premium* mogħti taħt din il-miżura.

Proċess ta' offerti kompetittiv.i

4. Il-prezz għal kull kWh li għandu jitħallas għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mill-istallazzjoni eliġibbli ta' enerġija li tiġġedded għandu jiġi stabbilit

Verżjoni Elettronika

permezz ta' proċess ta' offerti kompetittivi:

Iżda kull ħlas għal dak il-prezz għal kull kWh lil xi intrapriża li tkun ibbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti mogħtija minn Malta u ddikjarata bħala inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandu jiġi sospiż sa dak iż-żmien meta l-intrapriża tkun irrimborsat l-ammont totali ta' għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' rkupru korrispondenti.

Determinazzjoni tal-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh.

5. (1) Il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh li jirriżulta wara proċess ta' offerti kompetittivi għandu jitħallas f'kull sena kalendarja sa ammont limitat ta' unitajiet ta' elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u pagabbli għall-perjodu garantit.

(2) Il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh għandu jiġi stabbilit bil-*pay-as-bid* b'tali mod li l-offerenti rebbieħa għandhom jitħallsu, għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni minn stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded, il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh kif imsemmi fl-offerta attwali tagħhom.

(3) L-offerent għandu jissottometti l-prezz offrut għal kull kWh għal kull stallazzjoni eliġibbli ta' enerġija li tiġġedded kif meħtieġ fil-proċess ta' offerti kompetittivi.

(4) Il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh għandu jkun applikabbli għal offerent rebbieħ biss u fir-rigward tal-istallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded kif deskritta fl-offerta inkluż il-kapaċità preżentata fl-offerta f'kWp, bħala parti mill-proċess ta' offerti kompetittivi biss. Il-kapaċità assoċjata mal-prezz ta' offerta għandha titqies li tkun ugwali għal:

$$\frac{\text{kWp offerti x sigħat ta' } \textit{load} \text{ sħiħa}}{1600}$$

(5) Bla ħsara għas-subregolament (4), il-pussess ta' stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded magħżula skont proċess ta' offerti kompetittivi jista' jiġi trasferit lil xi parti terza u dan soġġett għal li l-parti terza tikseb il-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji meħtieġa, kif jista jkun applikabbli.

(6) Il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh fir-rigward ta' stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded għandu jkun pagabbli għan-numru attwali ta' unitajiet tal-elettriku ġġenerati minn dik l-istallazzjoni u mibjugħa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, sal-limitu annwali kkalkolat bħal kWp offerti x sigħat ta' *load* sħiħa:

Verżjoni Elettronika

Iżda li n-numru ta' sigħat ta' *load* sħiħa preżunti fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx għandu jkun ugwali għal 1600 siegħa:

Iżda wkoll fil-każ ta' tipi oħra ta' stallazzjonijiet tal-enerġija li tiġġedded, bħal enerġija mir-riħ, in-numru ta' sigħat ta' *load* sħiħa li għandu jistabbilixxi l-limitu annwali għall-ħlas tal-prezz mogħti għal kull kWh, għandu jiġi speċifikat fit-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli fil-proċess rilevanti ta' offerti kompetittivi.

(7) Kull unità ġġenerata iktar mill-ammont ikkalkulat skont is-subregolament (6), f'kull sena kalendarja għandhom jinxtraw mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u mħallsa s-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh biss, mingħajr il-pagament tal-*premium*.

(8) L-offerent rebbieħi ma għandux ikun intitolat għal xi garanziji ta' oriġini negozjabbli jew ta' ċertifikati negozjabbli oħra għall-elettriku mibjugħ lill-operatur tas sistema ta' distribuzzjoni.

(9) Bla ħsara għas-subregolament (4) u s-subregolament (5), stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded tista' tiġi riallokata għal sit alternattiv jekk jinkisbu l-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji meħtieġa, kif jista' jkun applikabbli, u soġġett għal kondizzjonijiet imniżżla fil-proċedura tal-offerti kompetittivi.

Limitu tal-prezzijiet għal kull kWh sottomessi mill-offerenti.

6. Il-proċess ta' offerti kompetittivi għandu jinkludi limitu stabbilit b'mod amministrattiv fuq il-prezz massimu ta' offerta għal kull kWh li l-offerenti jistgħu joffru. Il-limitu jista' jikkonsisti f'prezz massimu ta' offerta għal kull kWh applikabbli għall-offerti kollha jew f'limiti differenti għall-kategoriji differenti kif jista' jkun definit mill-Awtorità Kontraenti fil-proċess ta' offerti kompetittivi.

Validità tal-prezz tal-offerta għal kull kWh.

7. (1) L-istallazzjonijiet approvati ta' enerġija li tiġġedded għandhom jiġu kkummissjonati u applikazzjoni biex tiġi konnessa stallazzjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tkun ġiet ippreżentata lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, fi żmien tmintax-il (18) xahar li għandhom jiġu magħduda mid-data tal-ittra tal-għotja maħruġa mill-Awtorità Kontraenti lill-offerent rebbieħ li jiżguraw l-eliġibbiltà tal-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh.

(2) Jekk l-offerent rebbieħ jonqos li jikkonforma mas-subregolament (1), iż-żmien biex jikkummissjona u japplika biex l-istallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded tiġi konnessa mas-sistema ta' distribuzzjoni kif meħtieġ mis-subregolament (1) jista' jiġi estiż għal żmien ta' sitt xhur darba biss permezz ta' talba bil-miktub lill-Awtorità Kontraenti u magħmula fil-forma meħtieġa mill-Awtorità Kontraenti:

Verżjoni Elettronika

Iżda l-prezz li għandu jitħallas lill-offerent rebbieħ għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn dik l-istallazzjoni partikolari approvata ta' enerġija li tiġġedded għandu jkun ekwivalenti għall-prezz tal-offerta mogħti għal kull kWh, b'€0.005/kWh inqas għall-elettriku kollu ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sal-ammont stabbilit fir-regolament 5(6) għall-perjodu garantit.

(3) Iż-żmien meħtieġ għall-offerent rebbieħ biex jikseb l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzji u l-permessi neċessarji, kif applikabbli, ma jissospendix id-dekors tal-perjodu ta' żmien stipulat fis-subregolament (1) u fis-subregolament (2) billi dan ikun iż-żmien massimu li fih l-istallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded għandha tkun ikkummissjonata u talba għall-konnessjoni tal-istallazzjoni mas-sistema tad-distribuzzjoni tkun ġiet sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, biex l-għotja skont il-proċess ta' offerti kompetittivi jibqa' validu. In-nuqqas ta' konformità mas-subregolament (1) u s-subregolament (2) (meta tkun saret applikazzjoni għal estensjoni), għandu jwassal għall-irtirar awtomatiku tal-għotja u u ċ-ċedola ta' prestazzjoni għandha tissarraf.

Pubblikazzjoni tat-tnedija ta' proċess ta' offerti u kapaċità massima f'kWp.

8. It-tnedija ta' kull proċess ta' offerti kompetittivi, kif ukoll il-kapaċità massima f'kWp għal kull proċess ta' offerti kompetittivi kif determinat mill-Ministru, għandu jiġi avżat pubblikament permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta.

Proċess.

9. (1) Il-proċess għandu jitwettaq permezz ta' proċess ta' offerti kompetittivi li għandu jkun miftuħ għal kull ġeneratur tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fuq bażi mhux diskriminatorja:

Iżda l-proċess ta' offerti kompetittivi għandu jkun konformi mar-regoli fundamentali u mal-prinċipji tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għar-rigward tal-ugwaljanza, it-trasparenza, il-proporzjonalità u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalitàu mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli ma-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat b'Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, u kif jista' jiġi emendat sussegwentament.

Verżjoni Elettronika

(2) L-istedina għall-offerti għandha tinkludi wkoll it-termini u l-kondizzjonijiet li għandhom jikkostitwixxu parti integrali tal-kuntratt mal-offerent rebbieħ. Il-forma ta' kuntratt li għandu jseħħ għandha tkun speċifikata wkoll fl-istedina għall-offerti.

Ċedola ta' prestazzjoni.

10. (1) L-offerent rebbieħ għandu jkun meħtieġ li jipprovdi ċedola ta' prestazzjoni li tinħareġ favur l-Awtorità Kontraenti fi żmien ġimgħa mid-data tal-ittra tal-għotja. Il-valur taċ-ċedola ta' prestazzjoni għandu jkun inkluż fl-istedina għall-proċess ta' offerti kompetittivi rilevanti.

(2) Bla ħsara għat-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli għall-proċess ta' offerti kompetittivi rilevanti, iċ-ċedola ta' prestazzjoni għandha tintilef mill-offerent, *inter alia*, jekk l-offerent jonqos milli jissodisfa l-kondizzjonijiet tar-regolament 7.

(3) Fejn il-kapaċità tal-istallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded kif stallata u konnessa mal-grilja tkun inqas mill-kapaċità allokata matul il-proċess ta' offerti, l-irtirar miċ-ċedola ta' prestazzjoni għandu jkun skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti għal dak il-għan fil-proċess tal-offerti kompetittivi rilevanti.

Metodu tal-għotja tal-offerti.

11. Offerti li huma meqjusa konformi amministrattivament għandhom ikunu kklassifikati skont il-prezz ta' offerta għal kull kWh bil-prezz ta' offerta għal kull kWh l-aktar baxx jingħata l-ewwel preferenza. Il-prezz ta' offerta għal kull kWh u l-kapaċità f'kWp eliġibbli korrispondenti mal-istallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded għandhom jintagħżlu skont il-proċess ta' offerti kompetittivi, li jibdew mill-offerta l-aktar baxxa offruta u sakemm il-kWp disponibbli għall-allokazzjoni fil-proċess ta' offerti kompetittivi partikolari ma tiġix maqbuża.

Ħruġ tal-ittra tal-għotja.

12. L-ittra tal-għotja lill-offerent li jintagħżel għandha tinkludi, iżda mhux limitata għal, dan li ġej:

(a) dettalji tal-offerent;

(b) il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh;

(ċ) il-kapaċità f'kWp u l-limitu dwar l-unitajiet tal-elettriku li għalih il-prezz ta' offerta għal kull kWh jista' jitħallas f'kull sena kalendarja għall-perjodu garantit.

Pubblikazzjoni tar-riżultati.

13. L-Awtorità Kontraenti għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha r-riżultati ta' kull proċess tal-offerti kompetittivi, inkluż il-prezz offrut mogħti għal kull kWh lil kull offerent rebbieħ għal kull istallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded u l-kapaċità korrispondenti f'kWp, kif stabbilit fil-proċess ta' offerti kompetittivi.

Verżjoni Elettronika

Konnessjoni ta', u rekwiżiti ta' sigurtà għal installazzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded.

L.S. 545.01.

14. L-offerent rebbieħ għandu jħallas l-ispejjeż ta' konnessjoni ta' stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded sal-eqreb punt xieraq ta' konnessjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni. L-ispejjeż għall-konnessjoni mas-sistema tad-distribuzzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku.

Permessi.

15. (1) L-ittra tal-għotja maħruġa lill-offerent rebbieħ bħala riżultat tal-proċess ta' offerti kompetittivi għandha tagħti biss lil dak l-offerent rebbieħ id-dritt li jitħallas il-prezz għal kull kWh u ma għandhiex tkun, u lanqas ma għandha titqies li tagħti jew tikkostitwixxi, awtorizzazzjoni awtomatika għall-bini ta' stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded jew li tagħti xi dritt għall-ħruġ ta' xi awtorizzazzjoni, liċenzja jew permess li jistgħu jkunu meħtieġa. L-offerent rebbieħ għandu jkun responsabbli sabiex jikseb il-permessi rilevanti, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji skont l-iskadenzi meħtieġa fir-regolament 7. L-offerent rebbieħ għandu jissottometti l-applikazzjonijiet għall-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji skont il-liġijiet u l-proċeduri applikabbli bil-ħsieb li jinkisbu dawk il-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji. Kull spiża relatata mal-kisba tal-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u il-liċenzi meħtieġa għandha tkun fuq l-offerent rebbieħ.

(2) Il-ħruġ tal-ittra tal-għotja ma għandhiex tagħti lill-offerent rebbieħ xi dritt għad-danni jew kumpens jekk xi wieħed mill-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji meħtieġa ma jinħarġux għal xi raġuni. Iċ-ċedola ta' prestazzjoni għandha titħallas favur l-Awtorità Kontraenti f'każijiet bħal dawn.

Ħlas tal-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh.

16. (1) Il-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh għandu jsir applikabbli mid-data tal-istallazzjoni tat-tagħmir tal-kejl mill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni u għandu jkompli jkun applikabbli għat-tul tal-perjodu garantit.

(2) Il-ħlas tal-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh għandu jkun ibbażat fuq qari reali tal-meter miksub mit-tagħmir tal-kejl imsemmi fis-subregolament (1) u limitat għal kWp massimu u l-unitajiet tal-elettriku skont l-ittra ta' għotja.

Frekwenza tal-proċess ta' offerti kompetittivi.

17. Il-proċess ta' offerti kompetittivi għall-għotja ta' appoġġ għall-istallazzjonijiet eliġibbli tal-enerġija li tiġġedded b'kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp jista' jiġi mniedi kif jista' jiġi deċiż mill-Ministru, għal tali kapaċità kif stabbilit fil-proċess ta' offerti kompetittivi rilevanti.

Appelli.
L.S. 601.03.

18. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi stabbilit bir-regolament 80 tar-Regolamenti dwar Il-Kuntratti Pubbliċi għandu jkollu ġuriżdizzjoni biex jisma' u jiddeċiedi l-ilmenti mressqa minn

Verżjoni Elettronika

kull persuna li jkollha jew kellha interess fil-proċess ta' offerti kompetittivi magħmul taħt dawn ir-regolamenti u skont il-proċeduri stabbiliti f'dawk ir-regolamenti